MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 782/2012

**Roger Borg (ID 661641M) u martu Yvonne Borg (ID 1066644M)**

**Vs**

**Claire Borg (ID 398676M) u zewgha Matthew Borg ghal kull interess li jista' jkollu.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2012 fejn l-attur talab peress illi l-atturi selfu lil-konvenuti l-ammont ta' disa u sittin elf tmin mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€69881.20) skond skrittura private li kopja taghha hi hawn annessa Dok A.

Peress illi skond l-istess, inthom obbligajtu ruhhkom li thallsu l-imghaxijiet bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-istess u cioe tlett elef erbgha mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmu (€3,494.06) fis-sena.

U peress li l-konvenuti huma moruzi fil-hlas tal-imghaxijiet dovuti skond l-anness prospett Dok B ammontanti ghal hames telef mitejn wiehed u erbghin u disgha centezmi (€5,241.09).

Ghaldaqstant jighdu k-konvenuti jew minn minnhom ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal tikkundanna lil-konvenuti sabiex ihallsu lil-atturi l-ammont ta' hames telef mitejn wiehed u erbghin u disgha centezmi (€5,241.09) rapprezentanti imghaxijiet dovuti lil-istess atturi mil-konvenuti ghas snin 2009 sa 2012.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Illi l-konvenut Matthew Borg permezz ta' nota pprezentata fit-30 ta' Jannar, 2013 ammetta l-akkuzi kontrih.

L-atturi permezz ta' nota rriducew l-ammont ghal elfejn sitt mija u ghoxrin ewro u hamsin centezmu.

Il-konvenuta pprezentat risposta taghha fejn eccepiet illi t-talba tal-eccipjenti Claire borg ID 398676(M), ghandha tigi michuda stante li:

1) Fl-ewwel lok l-ammont mitlub mill-atturi jeccedi l-kompetenza u l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal stante li kif provdut mill-artiklu 3(2) tal-Att Dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta), dan it-Tribunal ghandu kompetenza u gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed min tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06);

2) Ill assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit ukoll li kieku stess l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michuda u unikament minhabba f'hekk, il-mertu kellu mbaghad jigi kkonsidrat, u ghar-ragunijiet li l-eccipjenti Claire Borg, f'dan il-kaz tispjega fil-mori tal-kawza, il-kunsnens tal-eccipjenti ghall-iffirmar tal-iskrittura pprezentata mill-atturi datata Frar 2005 mmarkata bhala Dok A ma' l-Avviz ta' talba pprezentat minnhom, ma

kienx jiswa (u dan in vista tal-applikabilita', fost ohrajn, tal-artikolu 974 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk tali skrittura ma ghandhiex titqies li hija enforzabbli fil-konfront taghha;

3) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi jridu fi kwalunkwe kaz juru u jippruvaw li s-somma msemmija fuq l-iskrittura mmarkata bhala Dok A fl-ammont ta' LM30,000 (ekwivalenti ghal circa €69,881) kienet giet verament mghoddija b'self u ghab-bazi tal-istess skrittura, u mghoddija lill-eccipjenti Claire Borg flimkien mal-konvenut Matthew Borg, peress li hija qatt ma rat jew ibbennefikat minn tali allegata somma;

4) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk stess jigi ppruvat li s-somma msemmija fl-imsemmi Dok A pprezentat mill-atturi fl-ammont ta' Lm30,000 (ekwivalenti ghal circa €69,881) kienet giet mghoddija b'self u ghab-bazi tal-istess skrittura (Dok A), ghandu jirrizulta li din kienet giet mghoddija unikament ghal-favur tal-konvenut Matthew Borg stante li kif spjegat l-eccipjenti qatt ma ratt jew ibbenefikat direttament minn tali allegata somma u li ghaldaqstant ghandu jkun il-konvenut Matthew Borg biss li jhallas kwalsiasi imghax li seta' gie dovut fuq l-istess somma;

5) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku stess kellu jirrizulta li l-atturi sellfu s-somma msemmija f'Dok A pprezentat minnhom, jridu wkoll jippruvaw u juru x'inhu l-ammont li ghadu dovut kemm bhala kapitali u kemm bhala imghax, referibbli ghall-istess somma, (jekk effettivament ghad hemm ammont dovut) u x'pagament vermament saru minn mindu giet allegatament mfgoddija l-imsmemija somma, biex titnaqqas is-somma li kienet giet allegatament mghoddija b'self, kif ukoll jispjegaw u juru kif qed jigi kkalkulat l-allega imghax u ghal-liema zmien dan jirreferi. Fin-nuqqas, is-somma pretiza mill-atturi ma ghandiex titqies li hi certa, likwida jew dovuta;

6) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost (li kieku, l-ewwel eccezzjoni, u sussegwentament it-tieni sal-hames eccezzjoni, msemmija f'din ir-risposta kellhom jigu michudin), il-konsegwenza ta' l-applikabilita' tal-kondizzjoni numru 3 msemmija fl-iskrittura pprezentata mill-atturi bhala DokA u l-ghazla li din il-kundizzjoni tipprovdi ghaf-favur tar-ricevituri tal-allegat self u cioe' l-ghazla li dawn ma jhallsux lura l-allegat self, twassal ghall-fatt li kwalsiasi ammont allegatament mghoddi b'self, ikun jista' jigi kkonsidrat bhala mhux dovut u daqstantiehor ghaldaqstant ikollu jigi konsidrat li ebda imghax referibbli ghall-istess somma ma jkun jibqa' konsidrat bhala dovut;

7) Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

8) Bl-ispejjez kontra l-atturi, bl-ingunzjoni tal-atturi 'n subizzjoni.

l-attur resqu l-provi taghhom billi pprezentaw l-atti ta' kawza nurmu 734/08.

Il-konvenuta xehdet u spjegat x'wassalha ghall-iffirmar tal-iskrittura referita mill-atturi.

Mill-provi jirrizulta illi:

- Ir-rikorrenti hum ail-genituri ta' Matthew Borg u l-kunjati ta' Claire Borg u fis-sena 2005 il-mizzewgin Matthew u Claire Borg kellhom bzonn ghajnujna finanzjara. Rodger Borg flimkien ma zewgu kien iddecida li jsellef somma ta' flus sabiex jkun jistgha jghin lill-Matthew u lill-Claire Borg.
- Illi fil-fatt ir-rikorrenti selfu s-somma ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) ekwivalenti ghall-disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin Ewro (€69,881) lill Matthew u Claire Borg u dank if jirrizulta mill-ftehim iffirmat mill-partijiet kollha fi Frar 2005.
- Illi skond l-iskrittura private l-partijiet tas-self huma:
  *"Mr. Rodger Borg (I.D.661641M) and Mrs. Yvonne Borg (I.D.1066644M) residing at Villa Zmeralda 602 Fortizza Road, Madliena, hereby referred to as*

*the lenders and Mr. Matthew Borg (I.D.146777M) and Mrs. Claire Borg (I.D.398676M)* ***jointly and individually*** *referred to as the receivers [……]*

l-imsemmi self sar bis-segwenti kondizzjonijiet:

*"1.Interest to be paid at 5% per annum to the lenders and/or the last survivor [….]"*

Illi l-kawza nfethet ghall-ammont ta' hames telef mitejn wiehed u erbghin ewro u disgha centezmi (€5,241.09) ghas-snin 2009 sa 2012. Illi sussegwentament l-atturi permezz ta' nota rriducew l-ammont ghal elfejn sitt mitt ewro u ghoxrin centezmu u hamsin centezmu (€2,620.50).

Wara sentejn l-atturi regghu talbu illi l-ammont kellu jerga jizdied ghal tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u jkun ghas-snin 2009, 2010.

Dan ir-rikors baqa' ma giex milqugh mit-Tribunal u lanqas it-Tribunal jista' jaccetta tali talba u tahwid bil-figuri. L-atturi kien messhom kienu attenti ghal figri li biha nfethet il-kawza u li sussegwentament gie ridott. Jidher illi l-atturi huwa precizi hafna anki mill-fatt ta' kif kienet ifformata l-iskrittura principali tas-self ghalhekk it-Tribunal ma jarax kif setghu issiru dawn l-izbalji kollha fit-talba taghhom. Ghalhekk it-Tribunal ser ikompli jqis illi t-talba hija dik kif redotta u cioe elfejn sitt mitt ewro u ghoxrin centezmu u hamsin centezmu (€2,620.50) u ghas-snin 2009 sa 2012.

Illi t-Tribunal ma kienx totalment ikkonvincint mill-ebda parti u ghalhekk jistrieh fuq l-iskrittura. Madanakollu gara ukoll illi l-konvenut Matthew Borg ammetta t-talba kontirh.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li jilqa' t-talba attrici ghall-ammont ta' elfejn sitt mitt ewro u ghoxrin centezmu u hamsin centezmu (€2,620.50) u jikkundanna lil konvenuti jhallsu dan l-ammont billi l-konvenuta Claire Borg thallas

elf tliet mija u ghaxar ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,310.25) u l-konvenut matthew Borg ihallas l-ammont ta’ elf tliet mija u ghaxar ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,310.25).

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bill-konvenuta Claire Borg u nofs mill-konvenut Matthew Borg.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------